MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

**MAGISTRAT DR.**
**MELI SILVIO LL.D., DIP. STUD. REL., DIP. CAN. MATR. JUR. & PROC., CERT. JUR. & H.R. (STRASBOURG), P.G. DIP. EUROPEAN COMPETITION LAW (KING'S COLLEGE, LONDON), P.G. DIP. EUROPEAN LAW (KING'S COLLEGE, LONDON)**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 139/2002/1

**Fogg Insurance Agency Limited għan-nom u in rappresentanza ta' sindakati esteri operanti bl-isem Octavian at Lloyds kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata tagħha Carmen Pace abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Carmen Pace**

**Vs**

**Carmel Mamo**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-20 ta' Frar tas-sena 2002 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-Qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat.**

**1. Previa kull dikjarazzjoni ta' responsabbilita skond il-Ligi, thallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' elf sitt mija u tlieta u sttin Lira Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm1663.32) dovut kif gej:-**

**(a) is-somma ta' elf hames mija u hames Liri Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm1505.32) jew somma ohra verjuri, dovuta lis-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited, ammont rapprezentanti danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-assigurata taghha, Carmen Pace u li ghalihom ghamlet tajjeb l-istess Fogg Insurance Agencies Limited abbazi tal-polza tat-tip comprehenisve;**

**(b) il-bilanc huwa dovut lill-attrici Carmen Pace rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' tmienja u hamsin Lira Maltin (Lm58.00), ammont rapprezentanti d-dannu lilha kkagunat bhala rizultat ta' telf ta' uzu tal-vettura taghha, piu mitt Lira Maltin (Lm100.00) rapprezentanti excess payment, li ma kienux koperti mill-polza ta' assikurazzjoni;**

**liema danni gew sofferti bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fl-24 ta' Dicembru 1999 gewwa Qawra Coast Road, Qawra, li fih kienu nvoluti l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ONE-227, propjeta' ta' l-attrici Carmen Pace u l-vettura misjuqa minnek bin-numru ta' registrazzjoni AAA-268, u wkoll vetturi ohra, liema incident sehh unikament bhala rizultat tat-traskuragni negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghek;**

**2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' 16 ta' Novembru 2001, u dawk ta' l-ittra ufficjali li qed tintbaghat kontestwalment ma' dan l-att lis-socjeta' GasanMamo Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta' estera CGU Insurance plc, u interssi legali**

**mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali ta' 16 ta' Novembru 2001, sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni.**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-18 ta' Mejju tas-sena 2002 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti**

**1. Illi huwa m'huwiex il-legittimu kontradittur stante li fid-data, l-hin u l-lokalita ndikati fl-avviz bhala li fihom sehh l-incident awtomobilistiku in kwistjoni l-eccipjenti ma kienx qed isuq il-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni AAA 268.**

**2. Isegwi li huwa ma jistax jigi ritenut responsabbli ghad-danni reklamati mill-attur u konsegwentement ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.**

**3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna huma preliminarjament cirkoskritti ghall-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut senjatament illi huwa m'huwiex il-legittimu kontradittur;**

**1. Illi fid-deposizzjoni guramentata tieghu l-konvenut isostni li ma kienx qed isuq il-vettura tal-marka Renault bin-numru ta' registrazzjoni AAA-268;**

**2. Illi jirrizulta li l-imsemmija vettura hi biss registrata f'isem l-imsemmi konvenut;**

**3. Illi fil-hin ta' l-incident meritu ta' din il-procedura l-istess vettura indikata fil-paragrafu precedenti kienet qed tigi misjuqa minn persuna ohra, senjatament minn ibnu Martin Mamo;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi ghalhekk hu abbundantament ippruvat li l-konvenut odjern hu estraneu ghall-fatti riferiti fl-avviz odjern;**

**Ghaldaqstant din il-Qorti filwaqt li takkolji l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut tiddikjara lill-konvenut Carmel Mamo estraneu ghall-fatti in dizamina u konsegwentement tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju stante li m'huwiex il-legittimu kontradittur u dan, bl-ispejjez kontra l-atturi.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**